# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 47 – IT-TLIETA 15 TA' MARZU 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Kien hemm persuna waħda tattendi.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 45 U 46

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 45 mingħajr aktar emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.3 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 46 mingħajr ma għamel ebda emenda u l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li kienet saret laqgħa bejn il-Periti u l-kuntrattur Elles Urban Services dwar ix-xogħlijiet kif mitluba mill-Kunsill. Se jsiru numru ta' surveys biex il-Perit ikun jista' joħroġ l-istimi neċessarji biex il-Kunsill ikun jista' jidentifika kif se jimxi, b'mod speċjali fid-dawl ta' restrizzjonijiet finanzjarji li jista' jkun hemm. Kien hemm qbil li mal-lista għandhom jiżdiedu x-xogħlijiet fuq il-bankina fi Triq l-Imtarfa quddiem *Angelo Store/Mtarfa Ironmongery* kif ukoll xogħol ta' rikostruzzjoni tal-ħajt tal-Binja Qlejgħa fil-parkeġġ ta' faċċata tal-Iskola Primarja.

2.2 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu joħroġ kwotazzjoni pubblika għas-servizz ta' *surveyor*.

2.3 F'dan il-punt wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-7:45pm.

2.4 Fir-rigward tal-proġett tal-bosk, is-SE infurmat li xi ġimgħat qabel kienet saret laqgħa mal-kuntrattur kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill. Kienu ġew diskussi numru ta' affarijiet u li kienet għadha qed tistenna risposta lura dwarhom, fosthom dwar id-diżlivell fl-entratura.

2.5 Dwar il-laqgħa li kienet saret ma' resident Mtarfi, is-SE infurmat li t-traffic lights fil-bypass kienu saru u kien hemm konferma wkoll li se jsir id-dawl matul it-triq kollha. Fil-fatt il-Kunsill kien irċieva talba għal permess sabiex issir trinka minn Triq Dar il-Kaptan 'l isfel lejn il-bypass biex jiġu kkomunikati l-arbli l-ġodda.

2.6 Is-Sindku informa li kien bagħat korrispondenza lill-Enemalta f'isem il-Kunsill sabiex jikkunsidraw li jsiru l-arbli wkoll fi Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello.

2.7 Is-SE infurmat li kienu ntbagħatu l-kommunikazzjonijet lill-MEPA dwar il-bżonn li jinqalgħu numru ta' siġar tal-fikus li qed jagħmlu ħsara. Kien hemm qbil li hekk kif tintbagħat il-konferma li jistgħu jinqalgħu, is-SE kienet se tikkoordina x-xogħol biex jeħlu xi arbuxxelli u siġar oħra minflokhom li ma joħolqux problemi u inkonvenjenzi bħalhom.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li waqt konferenza stampa li saret riċentament mill-Onorevoli Ian Borg, kien ikkonfermat li se jsir id-dawl fil-bypass.

3.2 Is-Sindku informa li kien ġie mgħarraf li l-Gvern Ċentrali kien se jagħmel intervent fuq l-infrastruttura tal-appartamenti kif ukoll il-garaxxijiet ta' Binja Buqana. Għaldaqstant kienu talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jinstab spazju alternattiv għall-parkeġġ ta' dawn ir-residenti minħabba li għal xi żmien il-garaxxijiet ma setgħux jiġu wżati. Sadanittant kien ġie identifikat il-parkeġġ tal-ATC li matul il-lejl mhux jiġi użat. Kien hemm qbil li kemm-il darba jkun hemm bżonn kienu se jsiru xi interventi min-naħa tal-Ministeru biex isir użu mill-pjazza ta' madwar l-istatwa ta' San Nikola. Is-Sindku informa li huwa kien għamel ukoll talba biex possibbilment il-Ministeru jagħmel rikostruzzjoni tal-pjazza San Oswald bħala tpattija għall-inkonvenjenza.

3.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jerġa' jordna u jwaħħal tabelli ġodda dwar il-periklu li hemm madwar Binja Tifkiriet Puniċi.

3.4 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li kienet żaret Pjazza Palma mal-Perit tal-Kunsill biex jipprova joħroġ bl-aħjar possibbiltajiet biexjiġi mmassimizzat il-parkeġġ f'din iż-żona.

3.5 Għat-talba tas-Sindku sabiex isir xi żbir madwar il-planters ta' Blokka Santa Luċija B, kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib il-permess neċessarju mingħand il-MEPA minħabba li dawn kienu siġar indiġeni.

3.6 Dwar Triq il-Kavallier Bonello, is-Sindku ssuġġerixxa li għandu jintalab appuntament ma' Transport Malta biex forsi jsir xi tip ta' proġett għal din it-triq, anke fid-dawl li l-ħajt qed jaqa' u qed isir perikoluż. Il-Kunsill qabel.

3.7 Hawnhekk waslet il-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien it-8pm.

3.8 Is-Sindku informa li kienet intbagħatet kommunikazzjoni lill-Ministru Evarist Bartolo minħabba l-istat mitluq u l-abbużi fl-iskola sekondarja. Huwa informa li min-naħa tal-Ministeru kienu infurmawh li se jixgħelu din iż-żona u se jsir ukoll it-tindif neċessarju. Hawnhekk is-Sindku informa li kien se jikteb lill-Ministru wkoll sabiex possibbilment jagħti l-fakultà lill-Kunsill biex jagħmel użu mis-sotterran sabiex ikun jista' jintuża waqt Military Mtarfa kif ukoll possibbilment bħala spazju għal esebizzjonijiet u attivitajiet oħra min-naħa tal-kunsill matul is-sena.

3.9 Is-Sindku informa li kien ġie magħżul biex jattendi il-European Youth Event fi Brussel fil-fakultà tiegħu bhala Sindku u għaldaqstant kien qed jitlob li l-Kunsill ikopri s-somma ta' €270. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

3.10 Is-Sindku informa li kien ġie mistieden jattendi għal attività żgħira fl-Iskola Primarja wara li kien sar it-taħwil fil-bosk mill-istess tfal. Huma kienu għaddewlu numru ta' suġġerimenti biex iressaqhom għall-attenzjoni tal-Kunsill. Dawn is-suġġerimenti ġew diskussi waqt il-laqgħa u fost oħrajn kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkunsidra li ssir xi tip ta' vaska fuq il-parti ta' ġewwa li għadha trid tiġi żviluppata u li ssir tromba fil-belvedere. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jsiru xi toilets u għaldaqstant is-SE ġiet mitluba tagħmel kuntatt dwar dan mal-Periti tal-Kunsill.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti taż-żewġ laqgħat preċedenti, kopja tagħhom mehmuża, ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 5. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI PUBBLIKA GĦAL *ACCOUNTANT* MAL-KUNSILL

5.1 Is-SE infurmat li kienu saru l-intervisti mal-accountants kollha. Kopja tar-rapport kif ukoll tax-schedule of rates kienu ġew mgħoddija lill-Kunsilliera u qed jiġu mehmuża mal-minuti.

5.2 Kien hemm qbil li għandha tiġi magħżula s-Sinj. Romina Perici Ferrante bħala ċ-*cheapest compliant*.

## 6. SITWAZZJONI PREŻENTI DWAR L-*ACCOUNTS* TAL-KUNSILL U S-SUR PATRICK CARUANA

6.1 Is-SE infurmat li sal-ġurnata, is-Sur Caruana kien għadu ma għadda ebda rekord finanzjarju lill-Kunsill għalkemm intalab li jgħaddi r-rekords li għandu u li jappartjenu lill-Kunsill u li jmorru lura sa sittax-il sena ilu, meta beda jagħti s-servizz tiegħu lill-Kunsill tal-Imtarfa. Hija appellat lill-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni dwar kif se jiġu rkuprati dawn ir-rekords li wara kollox huma proprjetà tal-Kunsill. Hija infurmat ukoll li sal-ġurnata l-Kunsill diġà qabeż numru ta' deadlines stipulati bil-liġi minħabba n-nuqqasijiet tas-Sur Caruana u għaldaqstant hija kienet qed iżżomm lill-NAO, lill-awdituri kif ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali infurmati b'dak li kien għaddej.

6.2 Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel rapport lill-Pulizija dwar l-aġir irresponsabbli tas-Sur Caruana.

## 7. PROPOSTA DWAR SKART RIĊIKLABBLI MINN GREENMT

7.1 Is-SE fakkret lill-Kunsill li sa nhar it-8 ta' April, il-Kunsill ried ikun irranġa l-kwistjoni kollha tal-ġbir tal-iskart u t-tneħħija tal-iskips tal-iskart imħallat. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li għalkemm diġà huwa pozittiv li l-Kunsill qabel mal-prinċipju li titnaqqas il-frekwenza tal-ġbir ta' skart imħallat u tiżdied dik tal-iskart riċiklabbli, kien importanti li l-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur involut sabiex jiġu ċċarati l-affarijiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-kuntrattur biex jiddiskuti din il-kwistjoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jneħħi l-iskips kollha, anke dawk li jieħdu skart riċiklabbli għaliex kien hemm bżonn li n-nies jibdew jarmu magħhom meta ma jsibux l-iskips il-ħodor. Kien hemm qbil ukoll li s-Sindku u s-SE għandhom jindagaw dwar il-possibbiltà ta' installazzjoni ta' CCTV cameras.

7.2 Sadanittant kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lir-residenti kollha biex jiġu mgħarrfa b'din il-kwistjoni. Il-GreenMT se jiġu mitluba wkoll biex jagħmlu kampanja edukattiva mar-residenti fl-istess żmien sabiex possibbilment tonqos l-inkonvenjenza u l-problemi.

7.3 Inġibdet l-attenzjoni tas-SE sabiex tintbagħat ittra ta' twissija lill-kuntrattur tal-knis għaliex mhux qed jilbes il-high visibility protection wear għalkemm din hija kundizzjoni mitluba fil-kuntratt u nġibditlu l-attenzjoni aktar minn darba.

## 8. PROPOSTA MINN GO PLC GĦALL-KUNSILL TAL-IMTARFA

8.1 Il-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni minn GO plc fejn dawn kienu qed jipproponu li jitħallew jagħmlu numru ta' *banners* ma' uħud mid-*decorative poles* fil-lokalità u li kienu lesti li jagħtu lura numru ta' siġar biex jitħawlu fi Triq is-27 ta' April u/jew Ġnien is-Sinjura. Xtaqu jagħmlu wkoll riklam fuq il-gazzetta tal-Kunsill u possibbilment joffru sistema ta' Wi-Fi b'xejn għall-bosk kif ukoll li jaraw il-possibbiltà li jkunu ta' għajnuna biex isir ir-restawr tal-uċuh tal-arloġġ. Is-SE infurmat li huma kienu lesti li jibqgħu jgħinu lill-Kunsill fuq inizjattivi simili fuq bażi regolari.

8.2 Il-Kunsill talab lis-SE sabiex terġa' tikkomunika magħhom u titlobhom biex ikunu aktar speċifiċi fuq dak li qed jitlobu u x'qed joffru sabiex il-Kunsill ikun f'sitwazzjoni aħjar biex jirrakkomandalhom fejn jistgħu jgħinuh.

## 9. LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

9.1 Is-SE infurmat li għalkemm il-finanzi tal-Kunsill tal-aħħar tas-sena 2015 għadhom mhumiex magħrufa u għaldaqstant ma jistax jingħata rendikont finanzjarju ċar, kien tajjeb li xorta waħda ssir il-laqgħa tal-lokalità sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħarraf lir-residenti dwar x'sar matul is-sena li għaddiet, x'hemm proġettat għas-sena 2016 u jinqara r-rapport amministrattiv. Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha ssir nhar it-13 ta' April fis-6:30pm.

## 10. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV

10.1 Is-SE infurmat li r-rapport kien intbagħat lill-Kunsilliera kollha biex jilħqu jaqrawh. Il-Kunsill qabel mal-kontenut.

10.2 Ir-rapport kif approvat qed jiġi mehmuż u se jinqara waqt il-laqgħa tal-lokalità li jmiss.

## 11. RAPPORT DWAR IL-ĠEMELLAĠĠ MA' ARVIDSJAUR FL-IŻVEZJA

11.1 Is-SE infurmat li bħala formalità qed tinforma lill-Kunsill li matul is-sena 2016 ma saret ebda spiża relatata mal-ġemellaġġ ma' Arvidsjaur fl-Iżvezja.

11.2 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud talab lis-SE sabiex tipprova tagħmel kuntatt ma' dan il-kunsill.

## 12. PJAN TA' ATTIVITAJIET GĦAL MATUL IS-SENA 2016

12.1 Is-SE kienet għaddiet kopja tal-pjan ta' attivitajiet li ġie mfassal mis-sottokumitat tal-attivitajiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

12.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 13. JUM L-IMTARFA (ĠIEĦ U MERTU L-IMTARFA U PREMJU TWANNY BUGEJA)

13.1 Is-SE infurmat li ma kinux waslu nominazzjonijiet fl-uffiċċju tal-Kunsill sal-ġurnata maqbula għalkemm kienet intbagħatet ittra fir-residenzi kollha.

13.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li Ġieħ l-Imtarfa għandu jingħata lill-aħwa Paul u Carmelo Cortis, Mertu l-Imtarfa m'għandu jingħata lil ħadd filwaqt li Premju Twanny Bugeja għandu jingħata lil Joe Vassallo.

13.3 Is-SE infurmat li kien qed jiġi propost li l-attività ssir nhar is-Sibt 30 ta' April minħabba li bejn il-21 u s-26 ta' April numru mill-Kunsilliera, hi u l-EO kienu se jkunu msifrin fuq xogħol tal-Kunsill u għaldaqstant kien se jkun diffiċli ħafna biex ilaħħqu max-xogħol. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 14. ĦRUĠ TA' OFFERTA GĦAL TINDIF TAL-LATRINI PUBBLIĊI

14.1 Is-SE infurmat li l-kuntratt tal-latrini kien se jiskadi fix-xhur li ġejjin u għaldaqstant kienet qed tinforma li se tibda l-proċedura biex joħorġu l-avviżi. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment li tingħata opzjoni li ssir offerta ulterjura għat-tindif tal-latrini tal-ġnien tal-bandli.

14.2 Sadanittant infurmat li min-naħa tad-Dipartiment kienu infurmawha li għandha biss toħroġ offerta għal kwotazzjoni pubblika sal-aħħar ta' Diċembru 2016. Jekk ma jkunx hemm direzzjoni mod ieħor min-naħa tagħhom, għandha terġa' tinħareġ kwotazzjoni pubblika oħra għas-sena 2017.

14.3 Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tas-SE sabiex tagħmel it-talba uffiċjali għad-devoluzzjoni tal-ġnien tal-bandli. Sadanittant hija infurmat li kien imnalla li s'issa ma kienx għadha ntbagħtet l-applikazzjoni għaliex ftit ġranet qabel biss kienet ġiet mgħarrfa mill-Ministeru li kienu rċevew kontijiet fuq dan il-ġnien li jammontaw għal kwazi €22,000, liema somma żgur li l-Kunsill ma kellux minn fejn iħallasha. Minħabba li s'issa dan il-ġnien kien għadu jgħajjat lill-Ministeru dawn ovvjament kienu aċċettaw li jħallsu huma. Hija fakkret lill-Kunsill ukoll li l-manutenzjoni ta' dan il-ġnien kienet se tiekol parti sewwa mill-allokazzjoni tal-Kunsill u għaldaqstant importanti li l-Kunsill ikun jiflaħ għaliha.Min-naħa l-oħra hija kienet se tindaga mad-DLG biex tibda l-proċedura tad-devoluzzjoni.

## 15. PUNTI OĦRA

15.1 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħat ma' kuntrattur sabiex tieħu stima inizjali tax-xogħlijiet tar-refurbishment tal-uffiċini tal-Kunsill. Hija infurmat li din il-kwotazzjoni kienet telgħet kważi €9000. Kienet se ddaħħal dan l-ammont fil-baġit tal-Kunsill sabiex 'il quddiem tinħareġ l-offerta għax-xogħlijiet.

15.2 Fir-rigward tal-one way ta' Triq Gregorio Caraffa, kien hemm problema minħabba li hemm residenta li għandha diżabbilità u li kienet tipparkja bil-kontra. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa magħha biex possibbilment din il-problema tissolva.

15.3 Sadanittant, is-Sindku informa li wara żjara li saret mal-Perit f'dik it-triq, kien se jsir survey biex nippruvaw nimmassimizzaw il-parkeġġ f'dik iż-żona.

15.4 Is-SE preżentat kopja ta' kommunikazzjoni rċevuta mingħand il-Kumitat Konġunt Birkirkara fejn talbu l-ammont ta' €205.20 biex ixolju l-istess kumitat u jagħlqu l-kontijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

15.5 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien bagħtilha kommunikazzjoni sabiex jgħarrafha li l-kuntratt tal-iskrivan Alexander Caruana fuq l-iskema CIES kien ġie estiż b'sitt xhur oħra sal-aħħar ta' Diċembru 2016.

15.6 Is-SE infurmat li s-sottokumitat tal-attivitajiet beda jiltaqa' dwar l-attività ta' MM u kienu qed jgħinuh Mario Camilleri, li huwa l-*event coordinator*, u ċertu Rosman Attard, li qed jgħin ħafna mil-lat tal-istorja tal-Imtarfa. Hija infurmat ukoll li kienet saret laqgħa mar-re-enactors biex jiġi miftihem x'inhu mixtieq mill-Kunsill kif ukoll mal-entitajiet kollha fejn ġie offrut lilhom li jieħdu ħsieb l-ikel kollu flimkien mal-bar. Fir-rigward ta' ikel kien hemm qbil li dan għandu jkun fenek, laħam taż-żiemel, majjal fil-fitura u platter Malti kif ukoll patata l-forn u ross bħala kontorn. Hija kienet marret għal laqgħa mal-AFM flimkien mas-Sur Attard fejn fost oħrajn intalbu armamenti tat-Tieni Gwerra Dinjija li qatt ma għadhom intwerew qabel. Hija infurmat ukoll li hija x-xewqa tas-sottokumitat li kemm-il darba l-Ministru japprova li jgħaddi l-immaniġġjar tas-sotterran lill-Kunsill, issir esebizzjoni, anke waħda permanenti, u tinfetaħ għall-pubbliku dakinhar tal-attività. Is-SE infurmat li kienet attendiet ukoll għal laqgħa ma' rappreżentant tal-V2018 fejn intalbu fondi jew xi għajnuna oħra għall-attività.

15.7 Fl-aħħarnett fakkret lill-Kunsill li bejn il-21 u s-26 ta' April, delegazzjoni mill-Kunsill kienet se żżur l-Italja fuq proġett dwar din l-attività. Hija infurmat ukoll li l-Kunsilliera Bugeja kienet infurmat li ma setgħetx tattendi kif avżat minħabba raġuni personali u għaldaqstant kien hemm penali ta' €60 biex jinbidel l-isem għal ħaddieħor. Kien hemm qbil li se jattendi minflokha l-Viċi Sindku u li l-penali se tiġi assorbita mill-Kunsill.

15.8 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-ħaddiema tal-IPSL kienu bdew jagħtu servizz lir-Reġjun u kull Kunsill se jiġi allokat 4 ġimgħat ta' servizz. Sadanittant inħarġet offerta għal inġinier sabiex jivverifika l-ħsarat fuq dawl għal dawk il-kunsilli li se jiffurmaw parti mill-offerta tar-reġjun għal kuntratt ta' manutenzjoni tad-dawl li se tiġi ppubblikata fi żmien qasir. Huwa informa wkoll li kienu qegħdin fil-proċess li jaġġudikaw l-offerta għal numru ta' sigħat bla ħlas ta' *IT technician* għal kull kunsill lokali li jagħmel parti mir-Reġjun Tramuntana kif ukoll allokazzjoni ta' spazju fuq cloud għal *storage* ta' informazzjoni.

15.9 Il-Kunsillier Mifsud informa li numru ta' residenti li joqgħodu biswit l-*isolation hospital* jixtiequ li jiltaqgħu mal-Kunsill minħabba inkwiet li għandhom fuq l-applikazzjoni għal żvilupp tal-istess binja. Hawnhekk is-Sindku informa li għalkemm m'għandu ebda oġġezzjoni li jiltaqa' mar-residenti, għadu wisq prematur li ssir il-laqgħa għaliex il-Kunsill għad m'għandu ebda informazzjoni konkreta u anke għaliex l-istess applikazzjoni għadha f'fażi ta' studju mill-istess MEPA u għaldaqstant hi bħala applikazzjoni għad tista' tinbidel ħafna. Għaldaqstant is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jistenna sakemm jinħareġ l-avviż tal-applikazzjoni fuq il-midja u waqt iż-żmien tal-konsultazzjoni jlaqqa' lir-residenti if ukoll lill-Periti tal-Kunsill biex tittieħed l-azzjoni neċessarja f'isimhom. Sadanittant issuġġerixxa li tintbagħat ittra lir-residenti biex dawn jiġu infurmati li hekk kif ikun hemm xi risposta konkreta, il-Kunsill kien se jlaqqagħhom għal diskussjoni. Il-Kunsill kollu ħlief għall-Kunsillier

Mifsud, li baqa' jinsisti li l-Kunsill għandu jiltaqa' qabel, qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

## 16. AĠĠORNAMENT

16.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:20pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-Erbgħa 13 ta' April fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**